MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 586/2002/1

**Rita Schillaci.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajr u l- P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-31 ta' Mejju 2002 gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-assenti Santo Schillaci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Mejju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' Lulju 1989, skond l-anness certifikat taz-zwieg numru 1189/1989 immarkat "RS 1";

Illi l-konvenut dak iz-zmien kien inkarcerat gewwa l-facilita' korrettiva ta' Kordin, u wara li skonta l-piena, cioe' fil-1992, huwa gie ddeportat minn dawn l-Gzejjer;

Illi l-istess zwieg qatt ma gie kkunsmat, minhabba impossibilita' fizika, bi skur tal-**artikolu 19 A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda minnha prezentati a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Rita Schillaci datat 17 ta' Mejju, 2002 fejn hi talbet li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Santo Schillaci u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet tal-20 ta' Mejju, 2002, fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall.

Rat id-digriet datat 31 ta' Mejju, 2002 fejn il-Qorti nnominata lil Dr. Anthony Cutajar u lil P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati a fol. 23 tal-process fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jwiegbu fil-mertu meta u jekk jirrnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentat;

Rat il-verbal tas-seduta datata 7 ta' Jannar, 2003, fejn inghata digriet ta' affidavits tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull wiehed.

Rat in-nota prezentata minn Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer datata 17 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha esibew kopja ta' ittra minnhom mibghuta lill-avukat tal-attrici.

Rat in-nota ta' Rita Schillaci datata 24 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebit l-affidavits taghha, ta' ommha Concetta Garcia u ta' ohtha Josette Garcia.

Rat in-nota tal-konvenuti deputati kuraturi datata 28 ta' Jannar, 2003, li permezz taghha rriservaw id-dritt tal-kontro-ezami tal-attrici, ta' Concetta Garcia u ta' Josette Garcia.

Rat il-verbal tas-seduta tat-6 ta' Mejju, 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar, 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha datat 14 ta’ Jannar 2003, l-attrici, Rita Schillaci tghid:-

*“Illi nghid li lir-ragel tieghi Santo Schillaci, Sqalli, li kien jghix Catania, jiena sirt nafu bhala penfriend, u dana ghall- habta ta’ l-1984. Sirna hbieb kbar u zammejna kuntatt ma’ xulxin tramite il-korrispondenza, u dan ghal perjodu ta’ sentejn. Kien biss meta gie Malta fl-1986, illi lil Santo Schillaci iltqajt mieghu wicc imb’wicc ghall-ewwel darba. Huwa kien gie Malta ghal perjodu qasir biss, u kien waqt dan il-perjodu illi intbahna illi kellna interess f’xulxin. Nibtet ghalhekk ir-relazzjoni ta’ bejnietna. F’dan il-perjodu Santo kien jghix mieghi fid-dar tal-genituri tieghi, u ma kienx jahdem;*

*Illi wara ftit zmien tressaq il-Qorti fuq akkuza ta’ serq. Nghid illi waqt il-kawza, ir-relazzjoni ta’ bejnietna tkompliet xorta wahda. In oltre nghid illi l-genituri tieghi ma hadux pjacir b’din id-decizjoni tieghi. Ma kellhomx wisq fiducja f’Santo issa li kien inqala’ dan il-kaz kriminali. Izda jiena dina r-relazzjoni ridtha bil-qawwa kollha, u dana anki jiena kont ben konsapevoli tal-fatt illi Santo seta’ ghalhekk jintbaghat il-habs. In effetti, ghalkemm hareg bi pledge waqt li l-kawza kienet ghandha pendenti, meta nghatat il-habs sabiex jiskonta piena ta’ prigunerija;*

*Illi kien meta Santo kien taht arrest illi ahna ddecidejna li nizzewgu. Id-data giet iffissata ghat-8 ta’ Lulju 1989. Il-gurnata kienet is-Sibt, u dana fuq ordni tal-Qorti peress illi f’din il-gurnata ma tantx kien ikun hemm nies gewwa l-Belt Valletta, u ghalhekk Santo seta’ facilment jittella’ mill-habs sabiex ahna inkunu nisghtu nizzewgu gewwa r-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta. Appena spiccat ic-cerimonja, Santo ttiehed immedjatament lura lejn il-habs. Lil Santo qatt ma ergajt rajtu. Nghid illi qatt ma gejt moghtija permess sabiex ikun hemm “contact visits” mar-ragel tieghi minkejja l-fatt illi konna ghadna kemm zzewwigna. In oltre Santo nnifsu qatt ma nghata permess jitlaq mill-habs sabiex ikun jista’ jqatta’ ftit tal-hin mieghi;*

*Illi darba fost l-ohrajn Santo harab mill-habs flimkien ma’ prigunier Tunezin – certu ben Ibrahim. Huma gew d-dar*

*tal-genituri tieghi izda jien lil Santo rrifjutajt illi niftahlu u wissejtu biex ma jersaqx iktar lejn dari. Ma ridtx inkun komplici tieghu. Waqt illi Santo kien mahrub, jiena kont taht osservazzjoni tal-Pulizija u dana ghaliex kellhom suspetti illi jiena kont naf fejn kien ir-ragel tieghi. Izda jien la kelli kuntatt mar-ragel u lanqas biss kont naf fejn seta' jinstab. Eventwalment Santo inqabad mill-Pulizija, u meta cempilt il-habs darba fost l-ohrajn, gejt infurmata illi Santo kien gie deportat minn Malta. Fil-fatt nghid illi huwa imbaghad cempilli minn Pozzallo u qalli li keccewh u ma setax jigi lura. Minn dak in-nhar ma nafx x'sar minnu Santo. Qatt ma ergajt kellimtu jew rajtu. Nikkonferma illi sal-gurnata tal-lum ma nafx fejn jista' jinstab."*

Illi gew ipprezentatati wkoll ix-xhieda ta' omm l-attrici **Carmen Garica** u ta' oht l-attrici **Josette Garia**, liema xhieda gew ipprezentatati permezz tal-procedura tal-affidavit.

**ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg o meno taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 sub-inciz 1 (f) tal-Kap. 255** liema artikolu jghid testwalment illi zwieg ikun null:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista` jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali.

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'*** - **Il Sacramento del Matrimonio**)

Il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi il-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' o meno tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-

kunsens ikun gie simulat m'huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. M'huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista` ikun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

"*L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O. Giacchi*** - **Il consenso matrimoniale canonico**).

Illi dwar l-**artikolu 19 A (1) tal-Kap 255** dan jipprovdi li:-

*"Iz-zwieg validu jista' jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewga wkoll minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess zwieg".*

## iii APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod mill-iktar car li fl-ewwel lok il-konvenut izzewweg lill-attrici sabiex jinqeda biha *stante* li huwa haseb li setghet tiffacilita' l-hajja tieghu ghall-iskopijiet tieghu, specjalment *in vista* tal-fatt li huwa kien ghaddej proceduri kriminali hawn Malta. Fil-fatt il-partijiet izzewgu meta l-konvenut kien diga l-habs u qatt ma ghexu flimkien, u inqatta' l-kuntatt bejniethom, u l-konvenut fittex lill-attrici biss meta harab mill-habs u rieda tghinu; il-bqija l-konvenut qatt ma pprova jikkomunika mal-attrici, u dan irendi l-kunsens tal-konvenut vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi min-naha l-ohra jidher li l-attrici kienet ghal kollox infattwata bil-konvenut, u ghalkemm kienet taf li ma kinitx ser tghix mieghu ghal zmien konsiderevoli hija xorta ghazlet li tizzewgu meta kien il-habs, u dan minkejja li l-genituri taghha ppruvaw jaghtuha parir li fic-cirkostanzi jidher li kien wiehed ta’ kawtela. Jidher ukoll li b’dan l-attagament l-attrici kienet qed taghmel dan il-pass anke’ bhala sfida lejn il-genituri taghha, u fil-kumpless tal-provi prodotti jidher li l-kunsens tal-attrici kien ukoll ivvizjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** *stante* li huwa ovvju u palez li l-attrici f’dak il-mument taz-zwieg kienet affetta minn difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taghha, u ghalkemm tali premessa lanqas ma hija imsemmija mill-attrici ma hemm xejn li jzomm lil din il-Qorti ssib li hemm bazi ta’ annulament taz-zwieg fuq kapi skond ohra skond il-ligi anke jekk dawn ma jkunux imsemmija mill-partijiet, ghaliex il-Qorti f’kawza ta’ din it-tip hija mitluba sabiex tindaga fuq bazi ta’ annulament taz-zwieg, u hekk fil-fatt qeghda taghmel.

Illi dwar l-**artikolu 19 A (1)** jidher li wara dak li ga’ intqal aktar il-fuq din hija biss kwistjoni akkademika, pero’ din il-Qorti thoss li dan l-artikolu japplika biss fil-kaz ta’ zwieg li jkun validu ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk la darba dan iz-zwieg gja gie ddikjarat iktar il-fuq li huwa null minhabba difett fil-kunsens, mela allura dan l-artikolu ma jistax jigi applikat ghal kaz *de quo* u allura t-talba fuq il-bazi ta’ dan l-artikolu ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti tat-8 ta’ Lulju 1989 abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li l-kunsens tal-konvenut kien hekk vizzjat u abbazi

l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** peress li l-kunsens tal-attrici kien hekk difettuz.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------